MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Numru. 421/2002

Il-Pulizija
(Spettur Silvio Valletta)
vs
Timothy Abela u Marco Borg

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra z-zewg imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

a) talli f'xi zmien bejn is-7 ta' Mejju 2001, u is-27 ta' Mejju 2001, gewwa l-Fgura ikkommettew serq ta' diversi oggetti minn gewwa hanut bl-isem 240 Zabbar Road, liema serq hu kwalifikat bil-valur li jaccedi l-mitt lira, izda anqas minn elf lira Maltin u persuna, u li sar ghad-detriment ta' Five Seasons Company Ltd;

b) talli fit-2 ta’ Mejju 2002 u xhur ta’ qabel, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Lil Timothy Abela wahdu :

c) talli f’xi zmien bejn Dicembru 2001 u it-2 ta’ Mejju 2002 gewwa B’Kara ikkommetta serq ta’ flus minn gewwa hanut bl-isem “Five Seasons” Triq l-Wied, liema serq hu kwalifikat bil-valur li jaccedi l-mitt lira izda anqas minn elf lira Maltin u l-persuna u li sar ghad-detriment ta’ Five Seasons Company Ltd;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija iwiegbu illi ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet liz-zewg imputat fuq imsemmija, debitament assistiti, volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dana waqt is-seduta tal-24 ta’ Ottubru, 2002 meta kienu qeghdin isirulhom il-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja taz-zewg imputati fuq imsemmija ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom issib liz-zewg imputati fuq imsemmija **hatja** tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261, 261(c), 261(d), 267, 268, 279 u 281 tal-Kap. 9;

Il-Qorti qeghda pero’ tillibera liz-zewg imputati fuq imsemmija mit-tieni imputazzjoni, dik ta’ ricettazzjoni, peress illi una volta li irrizulta serq ma jistax jissussisti wkoll ir-reat ta’ ricettazzjoni.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi z-zewg imputati fuq imsemmija irregistraw ammissjoni meta kien

qed isirilhom l-interrogatorju skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll il-fatt illi z-zewg imputati ghandhom fedina penali netta.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-oggetti kollha misruqa jinsabu ghand il-pulizija u jistghu jigu ritornati lid-derubata.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputati ikkoperaw mieghu matul l-investigazzjoni, pero' l-imputat Timothy Abela ma irritornax il-hames mitt lira flus illi seraq mill-hanut bl-isem "240" Zabbar Road, Fgura u dan ghad-detriment tal-kumpannija Five Seasons Company Limited.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti filwaqt illi ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut. tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghaz-zewg imputati fuq imsemmija, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk iz-zewg imputati jinghataw opportunita ohra sabiex jirriformaw hajjithom u jaqbdu t-triq it-tajba, ghalhekk wara illi rat l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, filwaqt illi tillibera lill-imputat Marco Borg taghmel dan bil-kundizzjoni illi Marco Borg ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghall-kull buon fini illi hija spjegat lill-hati Marco Borg bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi ghal din is-sentenza.

Fil-kaz ta' Timothy Abela il-Qorti wara li rat l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tilliberah, tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati Timothy Abela bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi ghal din is-sentenza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 11 tal-Kap. 152 u tikkundanna lill-hati Timothy Abela sabiex ihallas is-somma ta' hames mitt lira lid-Direttur tal-Kumpanija Five Seasons Company Limited.

---------------------------------TMIEM---------------------------------